# GĦAX JIENA MARJUNETT!

ta' G. ABELA (qassis)

Marbut minn kulfejn tħares,
  ħafif qisni farfett,
liebes kollni kuluri
  għax jiena marjunett!

Naf 'l hemm u 'l hawn inħares,
  ngħolli sieqi 'l fuq nett,
idejja nxejjer qawwi;
  "Ċapċpulu 'l-marjunett!"

Ma' kull taħrika nobdi;
  Jien m'għandi l-ebda jedd.
Nagħmel dak li jriduni:
  id-dmir ta' marjunett!

"Araw kemm jaf jitkellem!
  Isimgħu naqra, Ċett!
Tassew jaf jirraġuna!
  Prosit, ja Marjunett"!

U naf inbaxxi rasi
  u niċħad dak li għedt,
naqla' daqqiet bil-ħarta.
  "Jaħasra l-marjunett!"

Dejjem jirranġaw fija
  biex inkun sew bħas-sett,
u jiena noqgħodilhom.
  "Xi ħlew ta' marjunett!"

Kultant ikolli naqbeż
  mill-ogħla parapett,
imma jien qatt ma nkorri,
  għax jiena marjunett!

Kultant meta narani
  li minix ħlief oġġett
jaqbduni dwejjaq koroħ...
  Saħta ta' marjunett!

U mbagħad niftakar f'sidi,
  raġel sinċier u rett:
meta jispiċċa minni,
  "Għall-kaxxa, marjunett!"

U hemm, bla rbit u ħieles,
  moħħi mistrieħ, nimtedd.
U ħadd ma jitħassarni
  għax jiena marjunett!